

Brussell, 28 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

9072/25

LIMITE

SAN 238

#### NOTA

|          |                                                                                                                        |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                       |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                          |
| Suġġett: | Miżuri tal-UE dwar il-prevenzjoni, inkluż it-tnaqqis tal-konsum tat-tabakk u l-alkoħol<br>- <i>Skambju ta' fehmiet</i> |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni mill-Presidenza biex tmexxi l-iskambju ta' fehmiet dwar "Miżuri tal-UE dwar il-prevenzjoni, inkluż it-tnaqqis tal-konsum tat-tabakk u l-alkoħol" fil-Kunsill EPSCO (Saħħa) tal-20 ta' Ġunju 2025.

## **Introduzzjoni**

Id-diskussjonijiet li saru matul il-laqgħat tal-Kunsill EPSCO, kemm matul il-presidenza Pollakka kif ukoll dawk preċedenti, jindikaw l-urġenza dejjem tikber li tittieħed azzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa. It-tnaqqis viżibbli fiż-żieda fl-istennija tal-għomor fil-pajjiżi tal-UE huwa sejħa qawwija għal azzjoni. Fl-istess ħin, hemm fehim komuni li l-investment fis-saħħa pubblika llum ifisser futur aktar sikur, li jnaqqas it-tensjonijiet futuri u inevitabbli fis-sistemi tas-saħħa.

L-evidenza xjentifika qed tindika dejjem aktar il-valur soċjali u ekonomiku għoli tas-saħħa tal-popolazzjoni. Popolazzjoni b'saħħitha tgħolli l-livell ta' benesseri tal-individwi, iżżid il-koeżjoni soċjali u l-effiċjenza ekonomika tax-xogħol, tnaqqas il-kostijiet soċjali u ekonomiċi tat-trattament u l-kura għall-morda. Is-saħħa mhijiex sempliċement kost uman, iżda għandha wkoll valur soċjali u ekonomiku li jista' jitkejjel. Il-politiki kollha li jtejbu s-saħħa fit-tul tal-popolazzjoni huma kosteffettivi.

Huwa meħtieġ li jiżdied b'mod sistematiku u konsistenti l-livell tan-nefqa fuq is-saħħa pubblika u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Neħtieġu azzjoni rapida u intensiva biex jiġnaqqas l-impatt ta' determinanti negattivi tas-saħħa. Din l-azzjoni għandha tinkludi miżuri regolatorji u attivitajiet edukattivi, interventi fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Jeħtieġ li nirreaġixxu ħafna aktar malajr u b'mod aktar effettiv għall-fenomeni li jirriżultaw mill-impatt tad-determinanti kummerċjali tas-saħħa, stimulat mill-investimenti vasti tal-industrija fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti dannużi.

Jeħtieġ li jinġabar u jiġi evalwat l-għarfien dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-azzjoni tas-saħħa pubblika. Tali azzjoni trid tkun interdixxiplinari, li tmur lil hinn mis-silos tradizzjonali tal-ġestjoni tas-sigurtà soċjali, tas-sistema tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-protezzjoni ambjentali u tal-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima u tat-telf tal-bijodiversità. Din l-azzjoni teħtieġ ippjanar sistematiku, evalwazzjoni u aġġustament kontinwu bil-ħsieb ta' ottimizzazzjoni, iżda tinvolvi wkoll il-ħtieġa ta' rispons għal bidliet dejjem aktar mgħaġġla fl-ambjent. Aspett ta' valur għoli ħafna ta' dan huwa l-kooperazzjoni regolari u formali bejn l-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

## Konsum tal-Alkoħol

Il-kompitu li jiġi limitat il-konsum tal-alkoħol għandu jittqies fil-kuntest tas-saħħa pubblika u s-sikurezza pubblika.

Skont id-WHO, l-użu tal-alkoħol huwa t-tielet l-aktar fattur ta' riskju importanti għas-saħħa tal-bniedem.

Aktar minn 200 marda jistgħu jintrabtu mal-konsum tal-alkoħol<sup>1</sup>. L-aktar kawża komuni tal-mewt relatata mal-abbuż tal-alkoħol hija l-mard kardjovaskulari, inkluż l-attakki tal-qalb u l-puplesiji. Bosta studji xjentifiċi jelenkaw l-etanol bħala fattur ewlieni li jżid ir-riskju ta' mill-inqas seba' tumuri malinni, inkluż dawk li jaffettwaw il-kavità orali, il-farinġi, il-larinġi, is-sider, u l-fwied.

Hemm ukoll rabta sinifikanti bejn il-konsum tal-alkoħol u disturbi tas-saħħa mentali.

Il-Polonja tinsab fil-quċċata tal-klassifikazzjoni tal-pajjiżi tal-UE bl-ogħla għadd ta' mwiet ikkawżati minn disturbi mentali u fl-imġiba relatati mal-użu tal-alkoħol.

Jekk ma jirnexxilniex innaqqsu l-konsum tal-alkoħol, il-konsegwenzi għandhom iwassluna lkoll biex nirriflettu dwar liema miżuri għandhom jittieħdu biex jitlejbu s-saħħa pubblika, is-sikurezza, u jtnaqqsu l-kostijiet soċjoekonomiċi.

Skont ir-riċerka u r-rakkomandazzjonijiet assoċjati tad-WHO, l-aktar miżuri effettivi huma:

- **Il-limitazzjoni tad-disponibbiltà ekonomika** permezz ta' politika ta' pprezzar xierqa għall-alkoħol,
- **Il-limitazzjoni tad-disponibbiltà fiżika**, jiġifieri għadd limitat ta' punti ta' bejgħ tal-alkoħol u l-ħinjiet tal-ftuħ tagħhom,
- **Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq ir-reklamar u l-promozzjoni** ta' xorb alkoħoliku u l-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam.

---

<sup>1</sup> <https://www.who.int/europe/news-room/fact-sheets/item/alcohol-use>.

Il-limitazzjoni tad-disponibbiltà fiżika u ekonomika tal-alkoħol hija waħda mill-aktar għodod effettivi, irħas u faċilment aċċessibbli mmirati lejn it-tnaqqis tal-konsum tal-alkoħol. Id-disponibbiltà fiżika u ekonomika tal-alkoħol taffettwa direttament il-livell ta' konsum u l-problemi relatati ta' saħħa, soċjali u - bħala konsegwenza - ekonomiċi.

L-istrategġiji msemmija hawn fuq għandhom jiġu appoġġati minn attivitajiet preventivi u edukattivi, iżda l-politika ta' kontroll u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-alkoħol ma tistax tiġi sostitwita mill-edukazzjoni, il-prevenzjoni, it-trattament tad-dipendenzi u l-appoġġ għall-familji. Dawn l-elementi kollha għandhom jiġu inklużi f'politika komprensiva dwar l-alkoħol.

### **Konsum ta' prodotti tat-tabakk u tan-nikotina**

Din is-sena hija l-11-il anniversarju tal-pubblikazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati, li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE.

F'dawn l-aħħar snin, fl-Ewropa feġġ theddid ġdid għas-saħħa pubblika li jfixxkel b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni ta' politika effettiva kontra t-tipjip segwita mill-Unjoni Ewropea (eż. prodotti li fihom in-nikotina sintetika, is-sigaretti elettroniċi li jintremew wara l-użu). L-użu ta' dawn il-prodotti huwa partikolarment perikoluż għaż-żgħażaġh, peress li joħloq theddida reali li tista' tirriżulta fid-dipendenza ta' eluf ta' minorenni fuq is-sustanza tossika tan-nikotina. L-Istati Membri qed jieħdu diversi miżuri biex inaqqsu l-konsum tat-tabakk u prodotti relatati. Huwa importanti li tiġi mmonitorjata l-effettività ta' dawn il-miżuri.

## Suġġerimenti ta' politika għall-Istati Membri

- **L-iżvilupp ta' skambju sistematiku u istituzzjonali ta' esperjenza** bejn istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali fil-qasam ta' diversi programmi u politiki tas-saħħa, inkluż l-iskambju ta' data u esperjenza dwar suċċessi u fallimenti f'inizjattivi tas-saħħa pubblika.
- **L-esplorazzjoni u l-iżvilupp ta' approċċi komuni Ewropej** għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard li jistgħu jgħibu valur miżjud permezz tal-iskambju ta' għarfien, riżorsi u appoġġ għall-armonizzazzjoni tal-istandards, inkluż ftehim dwar kriterji trasparenti u konsistenti għall-evalwazzjoni ta' interventi biex tinżamm il-kwalità għolja tagħhom;
- **It-tweġġ ta' attivitajiet dwar l-applikabbiltà u l-adattabbiltà ta' prattiki tajbin** f'kontesti nazzjonali u lokali differenti, abbażi tal-organizzazzjoni sistematika ta' informazzjoni fir-rigward ta' miżuri effettivi f'oqsma tematiċi u gruppi fil-mira ta' interventi;

L-ippjanar ta' servizzi tas-saħħa pubblika madwar l-UE għandu jkollu: it-teoriji u l-evidenza xjentifika; il-ħtiġijiet li qed jevolvu malajr tal-komunitajiet; ir-riżorsi u l-preferenzi disponibbli; id-determinanti kurrentwali tal-ħajja tan-nies; u l-interventi li saru. B'mod partikolari, dawn għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni f'fażijiet differenti tal-ħajja. Fl-istess ħin hemm bżonn li tingħata prijorità lit-tfal u lill-adolesxenti, li huma esposti għal stimuli ġodda u negattivi, u lil gruppi sensittivi, inkluż l-anzjani.

Il-prevenzjoni tal-mard, speċjalment il-prevenzjoni tal-mard infettiv, saret sfida sinifikanti għall-Unjoni Ewropea – qasam li huwa kkaratterizzat minn fruntieri miftuħa u l-libertà tal-moviment, u li qed jiffaċċa mewġa dejjem akbar ta' immigrazzjoni minn diversi partijiet tad-dinja.

## MISTOQSIJJET GĦAD-DISKUSSJONI

1. Fl-opinjoni tagħkom, x'inhuma l-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-attivitajiet tas-saħħa pubblika għall-Unjoni Ewropea għat-tliet snin sa ħames snin li ġejjin?
  2. Hemm xi attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-livell tal-UE, permezz tal-istituzzjonijiet Ewropej? X'inhuma dawn l-attivitajiet?
  3. X'azzjonijiet prattiċi nistgħu nieħdu fl-UE u bejn l-Istati Membri biex insaħħu l-kooperazzjoni istituzzjonali fil-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa?
-